# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 6 ta' Lulju, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Linker David Micallef**

**Ellie Briffa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Lineker David Micallef detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 196887(M); u

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ellie Briffa detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 356793(M), akkuzati talli nhar id-29 ta' Mejju, 2015, ghall-habta ta' 14:45hrs, gewwa Birkirkara;

1) Ikkagunaw lil Georgina Micallef griehi ta' natura gravi, skond kif iccertifika Dr. Mark Bugeja MD Reg. No. 1768 gewwa l-Mosta Health Centre,

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq Amy Micallef, skond kif iccertifika Dr. Mark Bugeja MD Reg. No. 1768 gewwa l-Mosta Healthy Centre,

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew ghal Georgina Micallef u ghal bintha Amy Micallef,

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw lil Georgina Micallef u lil bintha Amy Micallef biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom,

5) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offendew lil Georgina Micallef u lil bintha Amy Micallef,

6) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem heddew lil Georgina Micallef u lil bintha Amy Micallef,
7) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem oxen fil-pubbliku,

8) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-bon ordni b'ghajjat u b glied.

9) U aktar talli rrendew ruhhom recidivi b' diversi sentenzi moghtija lilhom gewwa l-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu,

10) U aktar talli kisru l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghti lilhom mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D gewwa l-Qrati ta' Malta.

Lil Linker David Micallef wahdu, talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Conditional Discharge illi gie post fuqu permezz ta' sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D gewwa l-Qrati ta' Malta nhar il-21 ta' Mejju, 2015.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Gunju, 2015 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza,

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fid-29 ta' Mejju, 2015 ghall-habta ta' 14:45 hrs f' Carmel Street Birkirkara li fiha kienu nvoluti z-zewg imputati u l-parti civili Georgina u Amy Micallef. Georgina Micallef sofriet griehi ta' natura gravi skond kif jirrizulta mic-certifikat mediku nserit a fol 30 tal-atti processwali (debitament ikkonfermat mit-tabib li rrilaxxjah li xehed waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2015) filwaqt li Amy Micallef sofriet griehi ta' natura hafifa (Dok AB 3). Il-griehi ta' Georgina Micallef gew klassifikati bhala gravi stante li kellha slight fracture f' subghajha l-kbir ta' saqajha tal-lemin, peress li dawn il-griehi jdumu ma jfiequ ghal aktar minn sitt gimghat.

Illi l-imputati kienu ghaddejin bil-vettura taghhom mill-imsemmija triq u meta raw lil Georgina Micallef u lil bintha Amy huma waqfu, nizlu mill-vettura taghhom u marru jagredixxu lil Georgina Micallef. Meta Amy Micallef marret sabiex tferraq lill-imputati minn ma' ommha hija spiccat sabiex sofriet griehi ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati fit-3 ta' Gunju, 2015 (inseriti a fol 47 et sequitur tal-atti processwali) l-imputati cahdu li kienu kkagunaw xi griehi lil Georgina u Amy Micallef. L-imputata Ellie Briffa qalet li hi u l-imputat kienu ghaddejin minn Carmel Street, B' Kara bil-vettura taghhom u raw lil Georgina Micallef qed tipparkja u timblukkalhom it-triq u meta huma qabzuha u daqqew il-horn, hija u bintha bdew jghajruhom u

joffenduhom u mbaghad hija (l-imputata) nizlet mill-vettura u meta marret hdejn Georgina u Amy dawn hebbew ghaliha u bdew jiggieldu u l-imputat Lineker Micallef nizel sabiex iferraqhom.

Illi l-imputat Lineker Micallef fl-istqarrija minnu rilaxxjata qal li waqt li hu u Ellie Briffa kienu ghaddejin mit-triq fejn toqghod Georgina Micallef, raw lil din tal-ahhar qed tipparkja fejn kienet qed timblokka t-triq u meta daqqew il-horn kullhadd nizel mill-vetturi rispettivi u bdew jiggieldu n-nisa.

Ikkunsidrat:

Illi meta xehdu Georgina Micallef u bintha Amy Micallef huma spjegaw kif Ellie Briffa, li huma ma kinux jafu qabel, nizlet mill-vettura li kienet passiggiera fiha waqt li huma kienu qed jipparkjaw il-vettura taghhom u dahlet rasha mit-tieqa tas-sewwieq u bdiet tghajjat u tinsulta lil Georgina Micallef kif ukoll tigrifha f' wiccha b' mod illi addirittura waqghu difrejha u n-nuccali tax-xemx fil-vettura ta' Micallef.  Meta Micallef pruvat tinzel mill-vettura hareg l-imputat li beda jaghtiha bis-sieq f' saqajha u huwa mbaghad proceda sabiex ta' daqqa ta' ponn f' imnieher Amy Micallef filwaqt li Ellie Briffa bdiet issawwat lil Amy Micallef bil-karkura.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati Ellie Briffa u Lineker David Micallef ghazlu li jixhdu f' dawn il-procedura fejn essenzjalment regghu rrepetew dak li kienu qalu fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti fejn minn naha l-wahda Georgina u Amy Micallef qed jghidu li gew agrediti miz zewg imputati u li dawn ikkawzawlhom griehi filwaqt li l-imputati qed jghidu li kienu Georgina u Amy Micallef li aggredew lil Ellie Briffa u li Lineker Micallef intervjena biss sabiex iferraq.

Illi din il-Qorti tinsab moralment konvinta li huma Georgina u Amy Micallef li qed jghidu l-verita' u li hija ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija u dan mhux biss minhabba l-evalwazzjoni tal-komportament tax-xhieda fuq il-pedana meta huma xehdu quddiem din il-Qorti izda anki ghaliex il-griehi sofferti minnhom huma perfettament kompatibbli mal-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija.

Ikkunsidrat:

Illi z-zewg imputati huma t-tnejn addebitati bl-imputazzjoni li kkagunaw griehi ta' natura gravi lil Georgina Micallef izda mix-xhieda ta' Dr Mark Bugeja jirrizulta li l-griehi gew klassifikati bhala gravi minhabba l-fracture

fis-sebgha tas-sieq tal-lemin u mix-xhieda ta' Georgina Micallef jirrizulta minghajr dubju li kien l-imputat Lineker David Micallef li kkaguna l-griehi f' sieq Georgina Micallef meta huwa beda jaghtiha bis-sieq. Dejjem skond din ix-xhud l-imputata Ellie Briffa kienet biss responsabbli tal-grif f' wiccha. Ghal dawn ir-ragunijiet Lineker Micallef biss ser jigi misjub hati li kkaguna griehi ta' natura gravi lil Georgina Micallef filwaqt li Ellie Briffa ser tigi misjuba hatja li kkagunat griehi ta' natura hafifa lill-istess Georgina Micallef.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Amy Micallef jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li z-zewg imputati kienu t-tnejn responsabbli ghall-griehi ta' natura hafifa li hija sofriet u huma sejrin it-tnejn jinstabu hatja tal-istess imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinstabu wkoll akkuzati bir-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali izda mill-provi jirrizulta li dan kien incident ta' darba u ghalhekk huwa nieqes l-element ta' incidenti ripetuti li ormai huwa stabbilit li huwa wiehed mill-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax issib lill-imputati hatja tar-raba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Georgina u Amy Micallef ma jirrizultax car b' liema mod l-imputati heddewhom kif lanqas ma jirrizulta xi kliem oxxen dawn setghu qalu. L-imputati ghalhekk ma jistghux jinstabu hatja tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-addebitu tar-recidiva jirrizulta pruvat fil-konfronti taz-zewg imputati permezz tas-sentenzi esebiti a fol 64 et sequitur tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ghaxar (10) imputazzjoni l-imputati jinstabu wkoll akkuzati li kisru l-kundizzjonijiet tal-bail imposti fuqhom minn din il-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit izda l-Prosekuzzjoni ghalkemm prezentat id-digriet fejn l-imputati nghataw il-helsien mill-arrest naqset milli ggib il-provi dwar f' hiex kien jikkonsisti l-ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. L-imputati ghalhekk mhux ser jinstabu hatja tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Lineker David Micallef wahdu jinsab ukoll akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet ta' conditional discharge imposti fuqu permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta' Mejju, 2015.

Illi s-sentenza relattiva tinsab inserita a fol 70 tal-atti processwali u minn din is-sentenza jirrizulta li l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tmintax –il xahar mid-data tas-sentenza. Mill-provi f' din il-kawza jirrizulta izda li huwa kkommetta r-reati li taghhom ser jinstab hati fil-kawza odjerni biss ftit tal-jiem wara li nghata l-imsemmi conditional discharge. Huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati huma recidivi kif ukoll il-fatt li huma m' gharfux juzufruwixxu mill-varji opportunitajiet moghtija lilhom minn dawn il-Qrati sabiex jirrifurmaw ruhhom. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 216, 221(1), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Lineker David Micallef hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tat-tminn (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ta' Ellie Briffa flimkien kif ukoll tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat David Lineker Micallef mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 221(1), 339(1)(d) u (e), u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata Ellie Briffa hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni izda biss talli kkagunat griehi ta' natura hafifa lil Georgina Micallef u dan ghar-ragunijiet indikat aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza, tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tat-tminn (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata Ellie Briffa mhux hatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma Georgina Micallef u Amy Micallef.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur